Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 402/2014/1 AE

**U-Recycle Limited [C 53343]** **(appellata)**

**vs**

**JAC Steel Limited [C 46665)** **(appellanti)**

7 t'Ottubru 2016

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti tat-12 ta' Dicembru 2014 permezz ta' liema talbet lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex tikkundanna lis-socjeta' ntimata thallasha s-somma ta' hamest elef, hames mija u ghoxrin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€5,520.26) rapprezentanti prezz ta' servizzi ta' uzin rezi mis-socjeta' rikorrenti lil dik intimata u li baqghu ma gewx imhallsa. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.

Rat ir-risposta tas-socjeta' ntimata tat-23 ta' Dicembru 2014[1] permezz ta' liema eccepiet illi: (i) it-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt; (ii) kull pendenza li kellha s-socjeta' ntimata ma' dik attrici giet finalizzata u ma hemm l-ebda dejn f'dan is-sens; (iii) kien hemm biss ftehim wiehed bejn il-kontendenti, ossia li l-prezz ikun ta' €1.50 kull tunellata u dan gie onorat mis-socjeta' ntimata; (iv) semmai hija s-socjeta' rikorrenti li hija debitrici ta' dik intimata; (vi) salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' l-14 ta' Dicembru, 2015 li ddecidiet hekk:

***"Tichad** l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' intimata,*

***Tilqa** t-talbiet kollha attrici u ghalhekk,*

***Tikkundanna** lis-socjeta' intimata thallas is-socjeta' rikorrenti is-somma ta' hamest elef, hames mija u ghoxrin Euro u sitta u ghoxrin centezmu (€5,520.26) rapprezentanti prezz ta' servizzi ta' uzin rezi mis-socjeta' rikorrenti lis-socjeta' intimata u mhux imhallsa.*

[1] Fol 4.

*Spejjez kif mitluba fl-avviz promotur u bl-imghax mid-data tas-servizz sad-data tal-pagament effettiv, ikunu kollha a kariku tas-socjeta' intimata."*

Dan wara li l-istess Qorti kkunsidrat illi:

i. Is-socjeta' rikorrenti topera fil-qasam tar-riciklagg tal-iskart u ghal xi zmien kellha fabbrika gewwa il-Marsa fejn kellha l-apparat kollu necessarju ghal tali process, inkluz mizien li jkejjel il-piz ta' l-iskart fuq trakkijiet illi kienu jidhlu ghandha sabiex jiddepositaw tali skart;

ii. Is-socjeta' ntimata ukoll tinnegozja fl-istess qasam, u kienet ghadha kif fethet fabbrika vicin dik tas-socjeta' rikorrenti filwaqt illi kienet ghadha qeghda tinvesti fl-apparat necessarju sabiex tkejjel il-piz u tipprocessa l-iskart. Ghalkemm kellha l-apparat biex tipprocessa l-iskart, hija kien ghadha ma ghandhiex l-apparat sabiex tkejjel il-piz ta' l-iskart fuq it-trakkijiet;

iii. Ghalhekk is-socjeta' ntimata kienet avvicinat lir-rikorrenti sabiex tkun tista' taghmel uzu mill-mizien taghha sakemm tinstalla wiehed fil-fabbrika taghha. Meta sar id-diskors bejn Joseph Sammut, rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti, u Adolf Baldacchino, rapprezentant tas-socjeta' ntimata, dana ta' l-ahhar kien qal lil Sammut illi kien ser igib ammont kbir ta' hadid illi kien ser jimla vapur;

iv. Kien ghalhekk illi l-partijiet ftehmu illi s-socjeta' rikorrenti tibda thallihom juzaw il-mizien taghha, illi sa dakinhar kien jintuza ghas-socjeta' rikorrenti biss, u dana versu il-prezz ta' €1.50 ghal kull tunnellata skart illi kien jintizen. Ghall-ewwel xahrejn, u cioe' Mejju u Gunju 2013, is-socjeta' intimata bdiet tibghat it-trakkijiet sabiex jintiznu fuq il-mizien tas-socjeta' rikorrenti, izda l-volum li kien qieghed jintizen ma kienx daqstant kemm kien indika originarjament Baldacchino, u l-kontijiet tas-socjeta' rikorrenti kienu relattivament baxxi;

v. Dana wassal ghal ripensament dwar l-offerta illi kien ghamel Sammut lil Baldacchino, u l-istess Sammut kien gharraf lill-Baldacchino illi ghax-xahar ta' Lulju u x-xhur rispettivi huwa kien dispost li jhalli lis-socjeta' intimata tuza l-mizien taghha b'dan illi jhallsu mizata mensili ta' €2,000 flimkien mal-VAT. Sammut sahaq illi dana kien dovut ghal fatt illi ma kienx finanzjarjament vijabbli illi jhalli impjegat responsabbli unikament ghal piz ta' trakkijiet meta l-volum kien baxx, apparti mill-fatt illi huwa kien ser jitlaq mill-fabbrika f'qasir zmien u kellu bzonn l-impjegati post iehor u mhux il-fabbrika gewwa l-Marsa jistennew sabiex jigi trakk ghas-socjeta' intimata biex jintizen;

vi. Wara tali diskors, is-socjeta' ntimata baqghet tibghat trakkijiet regolarment ghal mizien tas-socjeta rikorrenti u marru aktar minn elf u mitt (1,100) trakk tul tali periodu, liema periodu baqa sejjer sa nofs Ottubru 2013, meta s-socjeta' intimata eventwalment installat ghandha mizien li jizen it-trakkijiet u ghalhekk setghet taghmel il-process tal-kalkolu tal-piz ta' l-iskart ghandha u mhux aktar ghand is-socjeta' rikorrenti;

vi. Fil-frattemp, fix-xhur li kien ghadu qed jintuza l-mizien taghha, is-socjeta' rikorrenti bdiet tibghat l-invoices ghall-pagamenti kull xahar, ghal *liema* invoices ma sar ebda hlas hlief ghal dak illi kellu x'jaqsam ma' Mejju u Gunju, illi attwalment thallsu fil 31 ta' Lulju 2013;

vii. Eventwalment, fit-3 ta' Ottubru 2013, il-konvenuta kienet ghamlet hlas akkont ta' €1,000, u meta sar tali pagament, ma saret ebda referenza ghall-*invoices* illi kienu qed jintbghatu regolarment mis-socjeta' rikorrenti u xi kontestazzjoni dwarhom. Jirrizulta illi, wara illi s-socjeta' intimata installat il-mizien fil-fabbrika taghha, u ghalhekk ma kellhiex bzonn aktar is-servizzi tas-socjeta rikorrenti, hija bdiet tikkontesta il-kont tas-socjeta' rikorrenti;

viii. Infatti, filwaqt illi s-socjeta' ntimata tikkonferma illi kien sar ftehim kif indikat mis-socjeta rikorrenti li jsir hlas ta' €2,000 fix-xahar ex VAT, kienet qieghda tinsisti illi tali ftehim kien ibbazat fuq il-premessa illi s-socjeta' rikorrenti ma kienetx ser tibqa' topera mill-fabbrika taghha gewwa l-Marsa, fatt illi, s-socjeta' intimata tikkontendi, ma sehhx, u ghalhekk kien ghadu jorbot ir-rata originarjament stabbilita bejn il-partijiet;

ix. Gew prezentati zewg verzjonijiet differenti mill-partijiet ghalkemm hemm qbil f'partijiet minnhom;

x. Irrizulta illi z-zewg partijiet qablu illi kien sar kliem da parte ta' Joseph Sammut illi minn Lulju kien ser jibda jitob hlas ta' €2,000 fix-xahar. Ma hemmx qbil, madanakollu, dwar kif kellu jidhol fis-sehh tali ftehim, u dana stante illi filwaqt li Sammut jghid illi dana kellu jibda japplika minn Lulju, Baldacchino jinsisti illi dana kellu japplika biss f'kaz illi s-socjeta' rikorrenti kellha tieqaf topera mill-fabbrika tal-Marsa;

xi. Tenut kont ta' tali divergenzi, il-Qorti kienet kostretta tikkunsidra d-dokumentazzjoni esebita, mill-liema gie osservat illi s-socjeta' ntimata, ghalkemm insistiet illi kellha dokumentazzjoni fil-pussess taghha li juri li l-ftehim kien kif kienet qed tinsisti hi, tali dokumentazzjoni qatt ma instabet u di fatti l-istess socjeta' ntimata iddikjarat fis-16 ta' Novembru 2015 (fol 105) illi ma kellha ebda *invoices* ohra ghajr ghal dawk esebiti mis-socjeta rikorrenti;

xii. Dana wassal ukoll lill-Qorti tikkonkludi illi s-socjeta' intimata kienet ben a korrent tal-fatt illi kien hemm *invoices* li qeghdin jinhargu regolarment lis-socjeta intimata ta' €2,000 ex VAT fix-xahar, u di fatti, fit-3 ta' Ottubru 2013, meta l-mizien kien ghadu ma giex installat fil-fabbrika tas-socjeta' intimata, l-istess socjeta' intimata ghamlet pagament akkont ta' €1,000, sabiex ix-xoghol jibqa' ghaddej;

xiii. Tali pagament, li ma jidhirx illi b'xi mod kien soggett ghal xi tip ta' kundizzjoni da parte tas-socjeta' intimata, jindika illi l-istess socjeta' intimata kienet a korrent ta' dak illi kien dovut lis-socjeta rikorrenti u ghaddiet pagament akkont sabiex tassikura illi s-socjeta' rikorrenti tibqa' tipprovdilha s-servizz tal-mizien ghal ftit aktar zmien sakemm jigi installat wiehed fil-fabbrika taghha;

xiv. Ghalhekk, huwa car illi l-eccezzjoni imressqa mis-socjeta' ntimata ma tistax tintlaqa peress illi rrizulta ben car li s-socjeta' intimata kienet taf bil-ftehim il-gdid, adoperat is-servizz tal-mizien tas-socjeta' rikorrenti ghal aktar minn tlett xhur, ghamlet pagament akkont u qajjmet l-oggezzjonijiet taghha biss wara illi ma kellhiex aktar bzonn is-servizzi tas-socjeta' rikorrenti.

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta' ntimata. Is-socjeta' rikorrenti wiegbet[2]. Waqt is-seduta tat-3 ta' Gunju 2016[3] dehru l-avukati difensuri tal-partijiet li ddikjaraw li m'ghandhomx x'izidu ma' dak li hemm fl-atti.

Il-Qorti rat l-atti.

**L-aggravju tas-socjeta' appellant.**

L-ilment hu li l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-fatti ghall-principju tan-novazzjoni meta allegatament ikkonkludiet, minghajr ma ngiebet prova konkreta, li kienet sehhet novazzjoni. Is-socjeta' appellanti ssostni li l-obbligazzjoni originali baqghet fis-sehh. Dwar dak il-ftehim, is-socjeta' appellanti tghid li ma hemm ebda dejn pendenti.

Jirrizulta pacifiku li originarjament kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet li l-attrici taghti servizz ta' uzin ta' hadid lill-konvenuta, bil-prezz ta' €1.50 ghal kull tunellata. B'sehh mis-17 ta' Mejju 2013 il-konvenuta bdiet taghmel uzu minn dan is-servizz[4]. Fit-30 ta' Gunju 2013, is-socjeta' appellata harget l-ewwel fattura b'din ir-rata ghax-xahar ta' Mejju u Gunju[5], liema hlas sar fil-31 ta' Lulju 2013[6]. Adolf Baldacchino, rapprezentant tal-konvenuta, xehed: *"L-invoices ta' Mejju u Gunju waslulna fl-ewwel gimgha ta' Lulju u ahna hallasnihom."*[7] (fol. 81).

Ma hemm ebda kontestazzjoni li eventwalment sar diskors ulterjuri bejn il-partijiet dwar dan l-arrangament. Joseph Sammut, ghas-socjeta attrici, qal li lejn l-ahhar ta' Gunju 2013 kien kellem lil Adolf Baldacchino, rapprezentant tas-socjeta' konvenuta u nfurmah li ma kienx lest jibqa' jopera' l-ftehim bir-rata ta' €1.50 kull tunellata ghaliex ma kienx finanzjarjament vijabbli:

*"Ix-xoghol beda u n-numru ta' trakkijiet kien wiehed konsiderevoli, u wara madwar xahar u nofs kont tkellimt ma' Adolf Baldacchino r-rapprezentant tas-socjeta' ntimata u gharraftu illi ghalija ma kienx jaghmel sens illi nimpjega persuna full time fuq il-mizien sabiex naqla' biss madwar hames mitt ewro; u allura kont gharraftu illi minn dakinhar 'il quddiem f'kaz illi hu ried jibqa' jaghmel uzu mill-mizien il-fee taghna kienet ta' elfejn ewro fix-xahar – straight fee, irrispettivament minn kemm kien ser igib trakkijiet[8]."*

L-appellanti ssostni li ma tezisti ebda prova li accettat din il-proposta[9]. Adolf Baldacchino[10] xehed:

---

[2] Fol 12 et seq.
[3] Fol 21.
[4] Fol 25 et seq.
[5] Fol 372.
[6] Fol 18.
[7] Fol. 81.
[8] Xhieda Joseph Sammut a fol 10.
[9] Fol 7 para 2 tar-rikors tal-appell.
[10] Conrad Baldacchino, direttur tal-konvenuta, xehed li Adolf Baldacchino kellu r-rapprezentanza legali u gudizzjarja tal-kumpannija konvenuta.

*"Nixtieq nghid illi f'mument minnhom kien avvicinani s-sur Sammut u qalli li kien ser jitlaq minn dik il-fabbrika u allura qalli li jekk jiena ridt nuza l-mizien kelli nhallsu tal-kera u kif ukoll ta' impjegat biex joqghodlu mal-mizien. Jiena ghidtlu, 'naraw kemm hi l-kera u naraw kemm huwa l-ispiza tal-impjegat u mbaghad immexxu minn hemm'."*

Conrad Baldacchino, direttur tas-socjeta konvenuta, xehed:

*"Lejn l-ahhar ta' dan l-arrangament Adolf kien qalli li Joseph Sammut kien qallu li jekk il-U Recycle tigi biex titlaq mill-istabbiliment tieghu tal-Marsa, ghaliex jidher li dak kien il-hsieb tas-socjeta rikorrenti, kien gentilment offrielna li jhalli l-mizien hemm u mpjegat li joperah, u ahna nhallsu ammont ta' kera u spiza ghall-impjegat."*[11]

Il-qorti hi tal-fehma li l-ewwel qorti setat tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha, meta tqies li:

i. L-attrici kienet taghmel uzu mill-mizien ghax-xoghol taghha. Ma kienx jaghmel sens li l-partijiet jiftehmu li r-rata tal-hlas tigi riveduta fl-eventwalita li l-attrici ma tibqax topera mill-istess fabbrika. Ladarba l-attrici titlaq mill-fond, probabilment kienet ser tiehu l-mizien maghha peress li taghmel uzu minnu fix-xoghol taghha.

ii. Lanqas mhu verosimili li ghal €2,000 fix-xahar l-attrici kienet ser thalli mpjegat taghha[12] fil-fabbrika minn fejn topera, biex jaqdi biss lill-konvenuta.

iii. M'hemmx provi li juru li fis-sajf 2013, l-attrici kienet qeghda taghmel xi preparamenti biex matul dawk ix-xhur titrazloka l-fabbrika ghall-post gdid. Joseph Sammut xehed li telqu mill-fabbrika fit-13 ta' Novembru 2013.

iv. Ghalkemm Adolf Baldacchino xehed li l-invoices ircevihom fit-12 ta' Ottubru 2013, jirrizulta li permezz ta' emails tal-15 ta' Awissu 2013 u 5 ta' Settembru 2013, Joseph Sammut baghat l-invoices ghax-xhur ta' Lulju u Awissu 2013 bir-rata ta' €2,000 ghal kull xahar. Fiz-zmien li ntbaghatu ma jirrizultax li l-konvenuta oggezzjonat.

v. Irrizulta wkoll li fit-3 ta' Ottubru 2013, Joseph Sammut rega' baghat email, din id-darba bl-invoice ghax-xahar ta' Settembru 2013. Ghal dak ix-xahar intalab l-istess rata ta' hlas li ntalab ghax-xhur ta' Lulju u Awissu 2013. Sahansitra fit-3 ta' Ottubru l-attrici hallset is-somma ta' €1,000[13]. Ma jirrizultax li l-konvenuta ghamlet xi kundizzjoni ma' dan il-hlas. Jinghad ukoll li minkejja li s-socjeta' appellanti qeghda tinsisti li l-hlas tat-3 ta' Ottubru 2013 kien jirreferi ghal arretrati ta' pagamenti minn Lulju 'l quddiem bir-rata ta' €1.50 kull tunnellata[14], m'hemmx prova ta' dan. Kif m'hemmx prova li wara Gunju 2013, l-attrici harget kontijiet fejn talbet hlas bir-rata ta' €1.50 ghal kull tunellata hadid. Minkejja li waqt is-seduta tat-12 t'Ottubru 2015 l-istess Adolf Baldacchino kien obbliga ruhu li jaghmel verifiki biex

---

[11] Fol. 85.
[12] Joseph Sammut xehed li fil-fabbrika kellha zewg impjegati.
[13] Ara rendikont a fol. 18.
[14] Fol 7 tar-rikors tal-appell - ara wkoll xhieda ta' Adolf Baldacchino fit-12 t'Ottubru 2015 a fol 101 et seq.

ifittex fatturi ghax-xhur ta' Lulju, Awissu u Settembru 2013[15], fis-seduta ta' wara hu ddikjara li ghajr ghall-fatturi prezentati in atti mis-socjeta' appellata ma kellu ebda fattura ohra[16].

vi. Fuq bazi ta' probabilta l-pagament li sar fit-3 ta' Ottubru 2013, sar wara li l-konvenuta rceviet kont. Ghalkemm Adolf Baldacchino ta x'jifhem li l-invoices kienu bir-rata ta' €1.50, baqa' ma pprezentahomx[17].

vii. Kien biss fit-12 ta' Ottubru 2013 li l-konvenuta oggezzjonat ghal hlas ta' €2,000 fix-xahar (ara email a fol. 14).

viii. Meta xehed l-ewwel darba, Adolf Baldacchino qal li s-somma ta' €2,000 fix-xahar qatt ma ssemmiet lilu[18]. Pero' fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2015 mistoqsi: *"U meta qalulkom illi huma kien ser jitilqu minn hemm hekk ir-rata ta' elfejn ewro fix-xahar kienet applikabbli ghal wara li jitilqu ?"*, wiegeb *"Ezatt."* Verzjonijiet li juru nuqqas ta' konsistenza.

ix. Ghalkemm Adolf Baldacchino xehed li l-invoices tal-attrici ma kinux waslu, din il-verzjoni ma titwemminx. Tant kien waslu li fit-12 ta' Ottubru 2013 li l-konvenuta baghtet lill-attrici, jinghad *"Please revise your invoices according to our agreement of Euro1.50 per ton weighed."* Hu veru li l-istess xhud xehed, *"L-invoices bl-ammont ta' elfejn ewro flimkien mal-VAT wasluli fit-12 ta' Ottubru, u dawn by email, lanqas bil-posta."*[19] Pero' jekk dik hi l-verita, il-qorti kienet tippretendih jipprezenta kopja tal-email. Haga li m'ghamilx.

Meta tqies dawn ic-cirkostanzi kollha flimkien, l-ewwel qorti kellha kull dritt li tikkonkludi li l-partijiet ftehmu fuq rata ta' hlas differenti minn dik inizjali ta' €1.50 ghal kull tunellata. L-argumenti tal-attrici dwar in-novazzjoni, ma jwasslux lil din il-qorti biex tiskarta r-ragunament tal-ewwel qorti. Kull ma nbidel fir-rigward tal-ftehim originali kienet ir-rata tal-hlas. Quddiem l-ewwel qorti tressqu bizzejjed provi sabiex tikkonkludi li wara Gunju 2013 il-partijiet kienu ftehmu li l-hlas ghas-servizz kellu jkun ta' €2,000 ghal kull xahar.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra s-socjeta appellanti. Tikkundanna lis-socjeta appellanti thallas lis-socjeta appellata l-ispejjez ghal darbtejn peress li tqies li l-appell hu fieragh (Artikolu 223(4) tal-Kap. 12).**

Anthony Ellul.

[15] Verbal a fol 87.
[16] Verbal tas-16 ta' Novembru 2015 a fol 105.
[17] Ara deposizzjoni tat-12 ta' Ottubru 2015 (fol. 103-104).
[18] Fol. 81.
[19] Fol. 82.